MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2000

Citazzjoni Numru. 146/1997/1

Jack u Victoria konjugi Galea .

vs.

Is-Segretarju Parliamentari ghal Ghawdex,
Joseph Portelli - Director of Projects, u Victor Cauchi
bhala Chairman Kumitat ta’ Azzjoni ghal Ghawdex .

Il-Qorti ;

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li premettew :

illi huma l-proprjetarji ta’ porzjon art fi Triq ir-Rabat, Xlendi , limiti Munxar, Ghawdex, bil-kejl ta’ cirka elf erba’ mija u erbghin metri kwadri (1,440 m.k.) li tikkonfina mit-tramuntana mat-triq, mill-punent ma’ Triq Rabat u minn nofsinhar ma’ sies .

Illi l-fabbrikabbilita’ ta’ din l-art ghadha oggett ta’ proceduri li ghandhom pendenti wara li rrizulta li l-permessi relattivi ghall-bini fuq l-istess art kienu gew illegalment mizmuma minkejja li l-permess ghall-izvilupp taghha kien gie approvat skond il-permess tal-bini numru P4088/78/466/76 datat sitta (6) ta’ Novembru tal-elf disa’ mija u tmienja u sebghin (1978) .

Illi l-hajt ta’ mat-toroq imsemmija inbena interament fil-proprjeta’ tal-atturi.

Illi ricentement persuni nkarigati mill-konvenuti bdew xoghol ta’ bini ma gemb u fuq l-imsemmi hajt liema xoghlijiet jidher li huma intizi ghall-kostruzzjoni ta’ screening ghal xi skips u kif ukoll ghall-kostruzzjoni ta’ flower bed mal-bqija tal-faccata fuq art pubblika antestanti ghall-proprjeta’ tal-atturi .

Illi konsegwenza ta’ dawn ix-xoghlijiet il-proprjeta’ tal-atturi ser tigi pregudikata in kwantu l-valur u l-potenzjal tal-art imsemmija ser jigu sostanzjalment ridotti .

Illi l-imsemmija skips setghu facilment tqeghdu f’postijiet alternattivi ferm iktar addattati bi spejjez ferm inqas, bhal per ezempju wara l-garages tal-gvern fl-istess inhawi .

Illi l-ghemil tal-konvenuti qieghed isir proprju biex tigi kkagunata hsara lill-atturi u huwa wiehed illegittimu null ultre vires u minghajr effett ai termini tad-dispozizzjoni tal-Artikolu 468A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili .

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-atturi lill-konvenuti sabiex ma jipprocedux b’dawn ix-xoghlijiet, il-konvenuti qeghdin jinsistu li jissoktaw .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-ghemil tal-konvenuti fil-kostruzzjoni tax-xoghlijiet fuq imsemmija huwa wiehed null, invalidu u

minghajr effett u ghalhekk thassar l-ordni moghtija sabiex isiru l-istess xoghlijiet .
2. Konsegwentement tordna lil konvenuti sabiex inehhu u jirrimwovu x-xoghlijiet kollha maghmula abbuzivament u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat minn din l-Onorabbli Qorti .
3. Kemm-il darba l-konvenuti jonqsu milli jobdu dik l-ordni tawtorizza lill-atturi sabiex jnehhu l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenuti .
4. Tinibixxi lill-konvenuti milli jissoktaw bl-istess xoghlijiet jew jaghmlu xi xoghlijiet ohra bi ksur tal-jeddijiet tal-atturi .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest legali fl-istess ismijiet u tal-mandat ta’ Inibizzjoni numru 392/97 .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti debitament imharrka ghas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, debitament ikkonfermata bil-gurament ta’ Jack Galea .

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew :

1. Illi l-atturi m’ghandhom ebda interess guridiku f’din il-kawza, li hija intiza biex huma jindahlu lill-Gvern x’xoghol jaghmel fil-proprjeta’ tieghu ;
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma wettaq ebda illegalita’ bl-esekuzzjoni tax-xoghol in kwistjoni .
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa bil-gurament ta’ Joseph Portelli .

Rat in-Nota ta’ l-atturi tat-22 ta’ Ottubru 1998, li permezz taghha cedew il-mertu tal-kawza prezenti, stante li, skond ma ddikjaraw fl-istess Nota, il-konvenuti kienu ottemperaw ruhhom mat-talbiet attrici kollha, filwaqt illi zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez ..

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi, in segwitu ghan-Nota hawn fuq indikata li biha gie cedut il-mertu tal-kawza presenti, l-unika haga li baqghalha tiddecidi l-Qorti, huwa l-kap ta’ l-ispejjes . Irrizulta mill-istess Nota ta’ cessjoni, illi fil-mori tal-kawza, l-konvenuti ottemperaw ruhhom mat-talbiet attrici kollha kontenuti f’din il-kawza . Ghalhekk jidher illi taw ragun lill-istess atturi fil-pretensjonijiet taghhom kif dedotti f’din il-kawza .

Il-legali tal-konvenuti, in segwitu ghall-prezentata ta’ din in-Nota ta’ cessjoni, u precizament fl-udjenza tas-26 ta’ Novembru 1998, talab illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet . Pero' baqa' ma ta ebda spjegazzjoni ghal din it-talba u ghaliex il-konvenuti, gialadarba kienu ottemperaw ruhhom mat-talbiet fuq il-mertu ta' l-atturi, ma kellhomx ibatu ukoll l-ispjjez ta’ din il-kawza . L-atturi da parti taghhom opponew ghal din it-talba tal-konvenuti .

L-unici provi li tressqu f’din il-kawza huma l-atti processwali taz-zewg Mandati ta’ Inibizzjoni Numri 392/97 u 504/97, allegati permezz tal-verbal maghmul fl-udjenza tas-16 ta’ April 1998 . Minn dawk l-atti jirrizulta illi l-atturi kellhom jintavolaw il-kawza odjerna in sewgitu ghat-talba taghhom ghal-hrug ta’ mandat ta’ inibizjoni li kienet giet milqugha, u dana wara li kienu bdew isiru x-xoghlijiet imsemmija fil-premessi tac-citazzjoni mill-konvenuti fis-sit indikat fl-istess korp tac-Citazzjoni . Irrizulta li kien biss zmien wara li l-atturi ntavolaw il-kawza prezenti, li l-konvenuti dehrilhom illi jaghtu ragun lill-atturi u jnehhu x-xoghlijiet kollha minnhom maghmula quddiem il-proprjeta’ taghhom . Ma tisghax ghalhekk il-Qorti ssib xi htija fl-atturi ghax ipprezentaw din il-kawza . Ma jistghax jinghad u lanqas ma irrizulta mkien illi forsi intavolaw il-kawza taghhom ghal xejn jew inkella li l-istess kawza kienet intempestiva u l-atturi ghagglu fil-prezentata taghha . Anzi ghal kuntrarju jidher illi kienet biss l-azzjoni ta’ l-atturi li gieghlet lill-awtoritajiet jirrimedjaw ghal dak li kien gara u jreggghu lura kollox kif kien originarjament .

F’tali cirkostanzi l-Qorti ma tarax ghalfejn hija wkoll m’ghandhiex taghti ragun lill-atturi, anke dwar il-kap ta’ l-ispejjez .

Ghaldaqstant, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet fuq il-mertu stante cessjoni ta’ l-istess talbiet, tilqa’ t-talba dwar il-kap ta’ l-ispejjez u tikkundanna lill-konvenuti fil-kapacitajiet rispettivi taghhom, ihallsu l-ispejjez ta’ din il-kawza, inkluzi dawk tal-protest legali fl-istess ismijiet u tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru. 392/97, kif mitlub fl-istess kawza .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------